*Legittimu kontradittur - Stralcjarju*

*Art 2148(a) tal-Kap.16*

*Art 2149(a) tal-Kap 16*

*Preskrizzjoni -Tpacija*

*Preskrizzjoni – Rinunzja*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 1051/2007/LSO**

**Penza Tarmac Limited (C22138)**

**vs**

1. **Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited (C23016);**

2. **John Farrugia (I.D. 442171M)**

3. **Joseph Camilleri (I.D. 240555M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Penza Tarmac Limited datat 10 ta' Ottubru 2007 fejn Carmelo Penza, bil-Karta tal-Identita' numru 9855(M), in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, bil-gurament tieghu ikkonferma: -

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti, jew ta' min minnhom, fis-somma kumplessiva ta' tmienja u tletin elf, hames mija u tmienja u tmenin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm38,588.95), rapprezentanti l-prezz ta' materjal u ta' diversi xoghlijiet konsenjati u ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti.

Illi minkejja kull talba illi saret mis-socjeta' attrici ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ghaldaqstant, ighidu l-konvenuti 'l ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom, li jhallsu lill-attrici s-somma ta' tmienja u tletin elf, hames mija u tmienja u tmenin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm38,588.95) rapprezentanti l-prezz ta' materjal u ta' xoghlijiet konsenjati u ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 1403/07, u bl-imghax dekorribli mid-data illi fiha gie konsenjat il-materjal u ezewgit ix-xoghol mis-socjeta` attrici ghall-beneficcju tal-konvenuti, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti illi minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti John Farrugia ID 442171 M u Joseph Camilleri ID 240555 M datata 17 ta' Gunju 2008 (fol 16) fejn John Farrugia bil-gurament ikkonferma :

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148 (a) u/jew 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ma tezisti assolutament l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` rikorrenti u l-konvenuti, billi qatt ma sar xi forma ta'

negozju/transazzjonijiet bejn l-eccipjenti f' isimhom proprju u s-socjeta` rikorrenti, u ghaldaqstant l-eccipjenti m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta` rikorrenti u billi ma humiex il-legittimi kontraditturi, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u/jew it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-konfront taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Zoqdi Hydrorocks Construction Limited [C 23016] (fi stralc) datata 26 ta' Gunju 2008 (fol 19) fejn John Abela bil-gurament ikkonferma :

1. Illi preliminarjament in-nullita' tal-proceduri odjerni kif diretti kontra s-socjeta' esponenti, u dana peress illi fl-20 ta' Settembru 2004 gie appuntat stralcjarju tas-Socjeta` mittenti 'l fuq indikat John Abela, *ai termini* tal-Att tal-Kumpaniji [Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta], u l-kumpanija giet *dissolved,* u ghaldaqstant din il-kawza kellha tigi intavolata kontra John Abela fil-vesti tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta` esponenti u mhux kontra s-socjeta' esponenti.

2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici hi f' kull kaz preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148 (a) u/jew 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-

ispejjez billi s-socjeta' esponenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors tal-kumpanija Penza Tarmac Limited (C22138) datata 14 ta' Jannar 2015 a fol 251 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tordna illi l-atti tal-kawza odjerna in kwantu jolqtu lil Zodi Hydrorocks Constructions Limited, jghaddu fil-persuna ta' John Abela, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Zoqdi Hydrorocks Constructions Limited, u tordna kull korrezzjoni mehtiega fir-rigward fl-atti tal-kawza, u dan *a tenur* tal-artikolu 807 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u taht kull provediment iehor li din l-istess Onorabbli Qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq u opportuni; u l-Qorti wara li rat ir-rikors, u rat ir-risposta tas-socjeta` Zoqdi Hydro Rocks Constructions Limited cahdet it-talba, kif jidher bid-digriet taghha moghti fl-20 ta' April 2015 (fol 259 - 263).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti John Farrugia u Joseph Camilleri datata 1 ta' Dicembru 2015 a fol 271 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-ewwel konvenut (Zoqdi) datata 1 ta' Dicembru 2015 a fol 277 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjoniijet ta' Penza Tarmac Limited datata 29 ta' Dicembru 2015 a fol 286 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta u kif ukoll tal-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta mizmuma t-Tlieta, 19 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Alexander Schembri ghas-socjeta` attrici u Dr Robert Abela ghall-konvenuti prezenti. Dr Abela talab li jipprezenta nota qasira responsiva. Il-Qorti laqghet it-talba u tatu 15-il jum ghal dan l-iskop filwaqt li r-rikorrent inghatalu 15-il jum min-notifika sabiex *occorrendo* jipprezenta nota ulterjuri. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-Qorti tista' thalli l-kawza ghas-sentenza minghajr finali trattazzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2016 fid-9:30a.m.

Rat in-nota tal-ewwel konvenut (Zoqdi) skont il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Jannar 2013 datata 25 ta' Jannar 2016 a fol 300 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti John u Joseph Camilleri skont il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Jannar 2016 a fol 303 tal-process.

Rat in-nota ta' Penza Tarmac Limited skont il-verbal tad-19 ta' Jannar 2016 a fol 304 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi s-sentenza odjerna tittratta l-eccezzjonijiet preliminari ta' preskrizzjoni sollevati mill-intimati u tan-nullita' tar-rikors

guramentat sollevata mis-socjeta' intimata skont kif gie vverbalizzat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 2008 (fol 21) tal-process.

Ikkonsidrat li permezz ta' din il-kawza, is-socjeta` attrici pprocediet ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu fl-ammont ta' tmienja u tletin elf hames mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm38,588.95) kontra Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd. u d-Diretturi taghha. L-ammont mitlub jirraprezenta l-prezz ta' materjal u diversi xoghlijiet ikkonsenjati u esegwiti mis-socjeta attrici.

Il-konvenuti John Farrugia u Joseph Camilleri laqghu billi eccepew li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artikoli 2148(a) u /jew 2149(a) tal-kap 16, u li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-konvenuti. Min-naha l-ohra, s-socjeta Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd. rribattiet billi eccepiet in-nullita' tal-procedura odjerna *stante* li fl-20 ta' Settembru 2004, gie appuntat stralcjarju John Abela *ai termini* tal-Att tal-Kumpaniji (Kap 386), peress li l-kumpanija giet xjolta. Ghalhekk, din il-kawza kellha tigi ntavolata kontra l-istralcjarju. Is-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll li l-azzjoni hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(a) u/jew 2149 (a) tal-Kap 16.

**<u>Fatti:</u>**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Jirrizulta li s-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta kienu jinnegozjaw u f'kazijiet esegwew xoghlijiet ghal xulxin, u kienu kkonsenjaw

materjal ta' kostruzzjoni u tat-toroq lil xulxin. Dan in-negozju kien sar fl-2002 u fis-snin sussegwenti sakemm il-kumpanija Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd. giet xjolta fl-20 ta' Settembru 2004. Illi s-socjeta` attrici qed titlob l-ammont indikat fir-rikors promotur, filwaqt li s-socjeta` intimata ssostni li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici, peress li kien ilha li esegwiet xoghlijiet fl-ammont mitlub mis-socjeta` attrici, lis-socjeta` attrici u baqghet ma gietx imhallsa ta' dawn ix-xoghlijiet.

__Provi:__

**Dr. Claudette Fenech** in rapprezentanza, tal-MFSA, esebiet Dok CF u xehdet (a fol 133)[1] li l-kumpanija kienet giet xolta b'effett mil-31 ta' Awwissu tal-2004, u fl-istess data gie nominat stralcjarju Mr. John Abela. Hi kkonfermat li f'kawzi bhal dawn, il-kawza tinfetah kontra l-istralcjarju, proprju ghax hafna mill-poteri tad-Diretturi jieqfu u jidhol f'posthom l-istralcjarju.

**John Farrugia** xehed b'affidavit (fol 137-139) u qal li hu, Joseph Camilleri u Raymond Camilleri kienu Diretturi tal-kumpanija Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd. sas-sena 2004, u sussegwentement gie appuntat stralcjarju. Qal li fl-1999 is-socjeta` attrici qabbdet lis-socjeta` Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited biex taghmel xoghol ta' *trenching,* u fl-2001 is-socjeta` attrici regghet qabbdet lil Zoqdi Hydrorocks Construction Ltd. ghal xoghol iehor ta' *trenching*, u l-prezz li kellu jithallas ghal dan ix-xoghol

[1] Seduta tat-3 ta' Novembru 2008

semma li kien ta' Lm230 kuljum, b'zieda mal-VAT. Qal li f'Marzu 2002 beda x-xoghol u f'dak l-istess xahar Zoqdi Hydrorocks Ltd. inkarigat lis-socjeta` attrici b'xoghol ta' toroq, u anke sussegwentement issupliet lis-socjeta` Zoqdi b'materjal konness max-xoghol tat-toroq. Spjega li wara jitnaqqas il-prezz tax-xoghol u l-provvista tat-tarmac u l-materjal, is-socjeta` attrici kellha thallas lil Zoqdi Hydro Rocks Ltd. l-ammont ta' tlettax-il elf, tliet mija u wiehed u tletin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm13,331.64). Qal li ma kinitx inharget *invoice* ghal dan peress li l-awditur ta' Hydro Rocks Ltd. kien l-istess tas-socjeta' Penza wkoll, u kien gharraf li Penza ma kellhomx minn fejn ihallsu ghal dan. Semma wkoll, li minhabba d-diffikultajiet li kellha s-socjeta Zoqdi Hydro Rocks Ltd. iddecidew li jxolju l-kumpanija. Qal li sussegwentement ghaddew erba' snin sa meta kien iltaqa' mas-Sur Penza f'Awwissu 2007, u kien talbu l-flus, u kien anke baghatlu *statement* u ftit wara pproceda bil-kaz odjern.

In **kontro-ezami** (fol 217-221) (fol 236-243) (fol 246-250)[2] qal li kkonferma li mill-1999 sal-2002, iz-zewg kumpanniji f'dan il-kaz kienu taw xoghol lil xulxin. Qal li huma kienu jpacu x-xoghol u l-materjal bejniethom, peress li l-flus li kellhom jiehdu minghand Penza Tarmac qatt ma waslu, u ghalhekk, kienu jiehdu l-materjal ta' tarmac minflok. Qal li ma jistax jaqbel mas-somma mitluba mis-socjeta` attrici *stante* li da parti tas-socjeta` Zoqdi Hydro Rocks Ltd. kienu ghamlu xoghol lis-socjeta` attrici b'aktar minn dan l-ammont u baqghu ma thallsux tieghu.

[2] Seduti tas-27 ta' Settembru 2013, tal-11 ta' Novembru 2014, u tal-15 ta' Jannar 2014

Qal li kien hemm il-kontijiet taghhom it-tnejn taz-zewg kumpanniji, izda da parti ta' Hydro Rocks Ltd. dejjem raw li kellhom jiehdu minghand Penza. Ghalhekk ma thallasx l-ammont li qed jintalab f'din il-kawza. Mistoqsi ghall-kont esebit a fol 152, qal li qatt ma kien rah qabel. Hu kkonferma li ma baghtux kont lil Penza Tarmac Ltd.

Illi mistoqsi jivverifika kif waslu ghall-ammont dovut lilhom minn Penza Tarmac Ltd. u meta ghamlu dan l-ezercizzju, x-xoghlijiet u appalti gew inkluzi, qal li meta ghamlu l-kalkoli dak iz-zmien li twettqu x-xoghlijiet raw x'kellhom jiehdu minghand Penza u x'kellhom jaghtu huma, u b'hekk ikkonkludew li ghad hemm ammont dovut minghand Penza Tarmac Ltd.

**Carmelo Penza** xehed (fol 186A sa 186C)[3] li hu Direttur u *shareholder* ta' Penza Tarmac Ltd. Hu kkonferma d-dokumenti a fol 140, 149 u 152 nhargu mill-kumpanija tieghu. Mistoqsi dawn inhargux mill-*audited accounts*, qal li ma jiftakarx l-ahhar darba li gew ipprezentati l-*audited accounts*. Spjega li c-cifra li qed jitlob lil Zoqdi Hydro Rocks Ltd. hadha mill-*management accounts*. Qal li l-ahhar li ghamlu xoghol lis-socjeta intimata kien xoghol ta' toroq, u s-socjeta` attrici kienet fl-istess hin ghamlet xoghol fi triq ohra. Hu esebixxa kopja tal-*audited accounts* bhala Dok CP1 a fol 192. Ikkonferma li r-rendikont a fol 152 hu rendikont tax-xoghlijiet li kienu saru lil Zoqdi Hydro Rocks

[3] Seduta tal-4 ta' Novembru 2011

Ltd. u fil-frattemp Zoqdi Hydro Rocks Ltd. gieli ghamlulhom xoghlijiet ukoll.

In **kontro-ezami** (fol 267-268)[4] qal li hu dejjem tkellem ma' Joseph Camilleri, u mistoqsi kif kien jaghmel biex jithallas minghand is-socjeta` intimata qal li kien icempillu minn zmien ghal zmien, izda matul iz-zmien li kellu jiehu, u cjoe` bejn l-2003 u l-2007, hu ma thallasx u meta sar jaf li se jzarmaw il-kumpanija, kien kellem lil Joseph Camilleri u ried kieku jiehu l-ingenji tal-kumpanija taghom biex jithallas ghal dak dovut lilu.

**Charles Farrugia** xehed (fol 204-208)[5] u kkonferma li kien l-awditur tas-socjeta` attrici sa mill-1990 u tterminaw l-inkarigu taghhom fl-2005. Meta muri, dokumenti tal-*audited accounts* tas-socjeta` Penza Tarmac Ltd. ikkonferma li dawn gew audited minnu. Spjega l-procedura tal-audit, billi jaraw ir-*records* jew l-*accounts*, u jivverifikaw *sample* minnhom. Ghad-domanda jekk jivverifikawx min ikunu d-debituri u jaghmlux *vetting* dwar dan, qal li jitolbu lista tad-debituri u jittestjawha. Semma li fir-rigward tad-debituri jkun inhareg il-kont, u meta ma jkunx inhareg *invoice*, jigi maghdud mal-*working progress*. Qal li huma jzommu biss l-*audited accounts* sa ghaxar snin, u meta mistoqsi, Zoqdi Hydro Rocks Ltd, John Farrugia, jew Joseph Camilleri jirrizultax li qeghdin fil-lista tad-debituri qal li le.

---

[4] Seduta tad-29 ta' Settembru 2015
[5] Seduta tat-2 ta' Novembru 2012

**Insostenibbilita` tal-azzjoni *stante* li l-kawza ma gietx intavolata kontra l-istralcjarju.**

Il-Qorti ser tittratta l-ewwel, l-eccezzjoni ta' nullita tal-azzjoni odjerna .

L-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' intimata tghid hekk:

"*Illi preliminarjament n-nullita' tal-proceduri odjerni kif diretti kontra s-socjeta' esponenti, u dana peress li fl-20 ta' Settembru 2004 gie appuntat stralcjarju tas-Socjeta' mittenti 'l fuq indikat John Abela ai termini tal-Att tal-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-kumpanija giet 'dissolved' u ghaldaqstant din il-kawza kellha tigi intavolata kontra John Abela fil-vesti tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' esponenti u mhux kontra s-socjeta' esponenti.”*

Illi jirrizuta li din is-s-socjeta` giet xolta volontarjament, u fl-20 ta’ Settembru 2004, gie appuntat stralcjarju John Abela, dan *ai termini* tal-Att tal-Kumpaniji [Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta]. Ghaldaqstant, gie sostnut li dan il-kaz kellu jigi intavolat kontra John Abela fil-vesti tieghu ta’ stralcjarju u mhux kontra s-socjeta` konvenuta. Dan hu kkonfermat mix-xhieda ta’ l-avukat Claudette Fenech, in rapprezentanza tal-MFSA li kkonfermat li l-kumpanija Zoqdi Hydrorocks Ltd. giet xolta b'effett mill-31 ta’ Awwissu 2004, u li gie nominat l-istralcjarju John Abela.

Ikkonsidrat li r-risoluzzjoni straordinarja ghal-likwidazzjoni volontarja u tan-nomina tal-istralcjarju gew debitament registrati mal-MFSA u b'hekk inghataw il-pubblicita' ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi. B'hekk is-socjeta rikorrenti ma tistax targumenta li dan il-fatt kien ad insaputa taghha meta ipprezentat din il-kawza fis-sena 2007. Kif gie ribadit fil-kawza l-ismijiet **"Sylvana Xuereb et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (A.C. – 31 ta' Ottubru 2008), fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

*"Fid-dawl u bis-sahha tal-"principle of constructive notice" (ara* ***"Farrar & Hannigan, Farrar's Company Law"****, 4 ediz. pagni.86-87), terza persuna li tidhol f'relazzjoni guridika ma' kumpannija kummercjali hija meqjusa li taf x'jghidu d-dokumenti pubblici ta' dik il-kumpannija."*

Inoltre gie pprezentat rikors mis-socjeta` attrici datat 14 ta' Jannar 2015. Illi f'dak ir-rikors saret talba biex issir korrezzjoni fl-atti in kwantu l-proceduri odjerni li jolqtu lil Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd. ghandha tigi diretta lil John Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' Zoqdi Hydrorocks Construction Ltd. Illi din il-korrezzjoni ntalbet a bazi ta' l-artikolu 807(1) tal-Kap 12. Illi permezz ta' digriet datat 20 ta' April 2015, din il-Qorti cahdet din it-talba tas-socjeta` attrici peress li nvokat l-artikolu 807(1) tal-Kap 12, li ma kienx l-artikolu rilevanti, *stante* li dak li ntalab ma kienx korrezzjoni fl-atti, izda trasfuzjoni fil-gudizzju tal-istralcjarju. (fol 259-263).

Illi in tema ta' dritt l-**artikolu 238 (a) tal-Kap 386** jistipula fost s-setghat tal-istralcjarju.

*(a) li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procedimenti legali ohra fl-isem u ghan-nom tal-kumpanija.*

Ukoll fit-termini tal-**artikolu 295 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta** *"Mal-ħatra ta' stralċjarju, is-setgħat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu, sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan it-Titolu."* Dan l-artikolu japplika kemm ghall-istralc volontarju bhal ma hu il-kaz in ezami, u ghall-istralc koatt.

Illi dwar l-istralc, l-gurisprudenza nostrana ppronunzjat hekk fil-kaz "**Antonio Caruana et vs Joseph Debono et"** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Lulju 1960:

*"…..ix-xoljiment ta' socjeta` ma jipproducix, kif rigorozament imissu jipproduci biss stat ta' komunjoni ta' nteressi bejn is-soci, u ta' semplici komproprjeta` fuq il-beni u jiffurmaw il-patrimonju socjali, l-istess socjeta` dixxjolta hi trattata bhala persuna morali, izda ghandha tigi hekk trattata biss ghall-finijiet u ghad-durata tal-istralc. U hekk, il-kumpanija ma tissusistix aktar ghall-futur, imma tibqa' hajja unikament biex tizviluppa u tittermina l-affarijiet ga ntraprizi."*

Fl-istess kaz ikompli jinghad:

*"L-istralc hu dak il-perjodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b'serje ta' operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi*

*pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci, jew mill-Qorti, biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in korso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u hekk jikjarixxi l-affarijiet tas-socjeta`, biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x'jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat."*

Difatti gie ritenut ukoll li *"t-talba ta' kreditur ghall-kundanna tal-likwidatur biex ihallas dejn dovut mis-socjeta` lil dak il-kreditur, waqt li tkun miexja l-likwidazzjoni, hija intempestiva"* **(Vol. XXXVIII p.lll p. 8l8)***.* Izda rigward il-kostatazzjoni tal-kreditu gie ribadit li s-somma dovuta ghandha tiddahhal fl-istralc, izda ma ghandhiex tigi mhallsa ghalissa mis-socjeta' u dan in kwantu ma jidhirx illi l-likwidazzjoni tas-socjeta` giet kompjuta u/jew li l-istralcjarju pprezenta l-kont finali. (**"Salvatore Bondin vs Paul Vella noe"** K (JDC) 10 ta' Mejju 1993) .

F'din l-ahhar sentenza ccitata gie ritenut hekk:

*"Tajjeb ukoll li jigi pprecizat li l-funzjoni tal-likwidatur appuntat mis-socji ta' socjeta dixxjolta huwa dak li inter alia jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta'. (**Vol. XVI p.II p.69)**, jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta' mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonijiet ta' gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta' distribuzzjoni ta' l-attiv u jahseb ghat-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat, ihallas dak li ghandu jittiehed mis-socjeta' f'daqqa wahda jew b'rati skont kif l-attiv tas-socjeta' jippermetti. Dawn il-funzjonijiet u*

*setghet huma prevvisti fl-artikoli 150 sa 160 tal-Kapitolu 168.[6]"*

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelo Camilleri v Edoardo Vincenti** - dec. 28 ta' Frar 1936).

[7]"*Minn dawn il-principji ghandha tingibed il-konsegwenza li s-socjeta', avolja qeghdha fi stralc, ghadha tezisti bhala enti morali sakemm tispicca l-likwidazzjoni, ghalhekk kwalunkwe kreditu tas-socjeta' ghandu jfittex l-istralcjarju biex jithallas id-dejn tieghu."*

Illi gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici, li l-kumpanija Zoqdi Hydro Rocks kienet u ghadha tezisti bhala entita` distinta u separata, minkejja li ghadha ghaddeja minn stralc. Illi gie citat ukoll l-artikolu 4(4) tal-Kap 386 li jghid li s-socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-membri taghha, u l-imsemmija personalita` guridika tibqa' ssehh sakemm l-isem tas-socjeta` kummercjali ma jigix imhassar mir-Registru.

Inoltre l-pretensjoni tirrigwarda obbligazzjoni assunta qabel il-hatra tal-likwidatur bhala stralcjarju tal-kumpanija, u ghalhekk, qabel ma tigi stabbilita definittivament il-qaghda finanzjarja tal-kumpanija, u tigi ppreparata l-iskema tal-pagamenti.

---

[6] L-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali
[7] Vol XXIX .I. p 1360

Madanakollu li qed jigi eccepit mill-intimati hija n-nullita' tal-azzjoni odjerna. Skont l**-artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn** il-legislatur jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null, hemm dispost li :

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma*

*teccepixxi dik in-nullità".*

Illi l-Qorti tibda biex tghid li taqbel mat-tezi li l-kumpannija ghad ghandha personalita' persuna morali *u dan "ghall-finijiet u ghad-durata tal-istralc"* kif johrog car mill-gurisprudenza fuq citata. Ghalhekk din il-Qorti mhix konvinta li bil-fatt biss li l-istralcjarju ma giex iccitat, l-azzjoni odjerna hija tabilfors nulla.

Madanakollu kif gie kkonstatat, il-process ta' stralc igib bidla fil-funzjonijiet, oggetti u poteri tal-istess socjeta' u *multo magis* fir-rapprezentanza taghha li issa tkun vestita fl-istralcjarju.

Illi din il-Qorti taghmel distinzjoni bejn kawza ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu u kawza jew proceduri ghall-kundanna tal-hlas.

Dwar dawn l-ahhar tip ta' proceduri, l-**artikolu 222 tal-Kap 386** jipprovdi bl-aktar mod car u inekwivoku li :

*"Meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawtelatorju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment, ikun null."*

Din id-disposizzjoni tapplika ghall-stralc gudizzjarju izda l-ligi hija cara meta tghid li tali atti jkunu meqjusa nulli. Disposizzjoni simili applikabbli ghall-stralc volontarju mhix

provvduta fil-Ligi. *Ubi lex voluit dixit* u ghaldaqstant din il-Qorti, ghalkemm taqbel li l-azzjoni kif istitwita hija monka, b'danakollu m'ghandhiex titqies nulla.

Illi kkonsidrat li l-Qorti ghandha thares principalment l-principju regolatur ta' kull stralc kemm volontarju u kemm koatt, cioe` li l-iskop tieghu hu li jingabru l-assi kollha, jithallsu d-djun u jekk jibqa' xi haga titqassam fost l-azzjonisti. F'tali sitwazzjoni ebda kreditur ma jista' jottjeni preferenza fuq il-kumplament tal-korp ta' kredituri meta persuna ma jkollhiex bizzejjed assi biex tissoddisfa d-dejn kollu taghha. Dan il-principju - *par condicio creditorum* – japplika kemm fil-kamp tal-falliment ta' negozjanti, u kif ukoll f'kaz ta' insolvenza ta' kumpannija. (**Avukat Mark Refalo bhala prokuratur ta' l-assenti minn Malta Avukat Remo Montone v. European Insurance Group Limited**[8]). B'danakollu fil-fehma tal-Qorti, l-kreditur jista' jagixxi biex jigi determinat u kanonizzat il-kreditu tieghu anke waqt l-process tal-istralc u huwa meta jagixxi ghall-kundanna tal-hlas tal-kreditu tieghu li ghandu jiehu postu fil-gerarkija tal-kredituri.

Izda l-azzjoni odjerna indubbjament hija monka in kwantu d-diretturi huma zvestiti mid-drittijiet taghhom li jirraprezentaw lill-kumpannija u effettivament kumpannija fi process ta' stralc ma tistax tiddefendi ruhha <u>hlief fil-vesti tal-istralcjarju.</u>

[8] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu 2012. Appell prezentement pendenti

Illi talba ghall-korrezzjoni tal-okkju gja saret da parti tas-socjeta' attrici, liema talba kienet imsejsa fuq id-disposizzjoni li tirregola t-trasfuzjoni tal-gudizzju u ghalhekk giet respinta ghar-ragunijiet moghtija.

In konkluzjoni, dan kollu premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tichad l-eccezzjoni tal-nullita' tal-proceduri sabiex, f'kaz kellu jitkompla, jigi kjamat l-istralcjarju. Madanakollu billi l-Qorti ser tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati, l-kaz jieqaf hawn.

**L- eccezzjoni tal-preskrizzjoni:**

Illi gie eccepit kemm mill-konvenuti John Farrugia u Joseph Camilleri u kemm mis-socjeta` Zoqdi Hydro Rocks Ltd. li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(a) u /jew 2149(a) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-konvenuti jikkontendu li t-talba attrici hija preskritta bl-Artikolu 2148 (a) u /jew l-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16. L-**artikolu 2148(a) tal-Kap 16** jippropdi li “*l-azzjonijiet tal-hajjata, skarpan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu*”, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar. L-artikolu 2149(a) tal-Kap 16 jipprovdi li *“l-azzjonijiet tal-bennejja ta’ bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xoghlijiet ohra ta’ injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu, jaqghu bi*

*preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn".* Dawn iz-zewg artikoli ghandhom certa affinita`. Referibbilment, ghall-kaz in ezami, il-fatti tal-kaz jindikaw, li l-preskrizzjoni applikabbli hi aktar wahda li tapplika skont l**-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16** billi jirrizulta li kemm is-socjeta attrici u kemm is-socjeta` konvenuta, jaghmlu xoghlijiet ta' tqeghid jew kostruzzjoni ta' toroq. Filwaqt li l-artikolu 2148(a) aktar jirreferi ghal krediti ta' artefici li jipprestaw l-opra taghhom.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-istess socjeta` konvenuta tammetti li "*effettivament il-fatti tal-kaz juru li l-preskrizzjoni korrettement applikabbli hi aktar dik mahsuba fl-artikolu 2149(a) tal-Kap 16."*

Il-Qorti taqbel li l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 ma japplikax ghall-kaz in ezami billi jitratta pretazzjonijiet ta' opri u servizzi.

Difatti fir-rigward tal-artikolu 2149(a) tal-kap 16 hu pacifiku li dan is-sub-artikolu japplika ghall-azzjonijiet imsejsa fuq ftehim ta' appalt[9] u hija applikabbli ghat-talbiet odjerni li huma bbazati fuq relazzjoni ta' appalt u sub-appalt bejn il-kontendenti. Is-socjeta' attrici tiddisponi minn impresa azjendali billi timmanifattura u tissupplixxi asfalt u tikkwalifika bhala impresa skont l-artikolu 2149(a) tal-Kap.16. Inoltre l-konsenji li saru lill-intimati kienu konsenji bl-ingrossa u mhux bl-imnut.[10]

[9]"*Edgar Causon v Abdel Salam A. Sheibano noe"* (App.Civ. Dec.11 ta' Marzu 1991).
[10] **Stencil Pave (Malta) Limited v Kunsill Lokali tan-Naxxar** -PA (JRM) - 30 ta' Ottubru 2003.

Illi izda gew issollevati zewg punti mid-difensur tas-socjeta' attrici li huma relatati ma' din l-eccezzjoni.

L-ewwel punt sollevat huwa li l-preskrizzjoni applikabbli la hija dik tal-artikolu 2148(a) u lanqas tal-artikolu 2149(a) tal-Kap 16, imma ghandha tkun il-preskrizzjoni kwinkennali skont **l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.** In sostenn ta' din it-tezi r-rikorrenti tghid li l-kawza ingabet il-quddiem ghall-hlas ta' spejjez ta' materjal fornit lis-socjeta' intimata. Fin-negozju bejn il-kontendenti, is-socjeta' rikorrenti ma kenitx qed tagixxi bhala kuntrattur imma kienet biss qed tforni l-materjal mehtieg.

Jinghad li dan ma gie sollevat bl-ebda mod matul il-procediment tal-kaz, izda kien biss fl-istadju ahhari tal-prezentati tan-noti, li giet issollevata din il-materja.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti stess tippremetti fir-rikors guramentat li hija *tinsab kreditrici ..rappresentanti l-prezz ta' materjal u ta' diversi xoghlijiet konsenjati u esegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenuti."* (emfasi mizjud.)

Izda madanakollu l-fattura esebita a fol 152 tal-process tikkonsisti fi prezz ta' tarmac skont il-kejl imnizzel fornit bejn is-snin 2002-2003. Il-kwantitajiet pretizi ma jirreferux ghall-xoghlijiet u ghalkemm tammetti li qeghdet l-*asphalt* targumenta li dan ma jfissirx li b'hekk esegwiet xoghlijiet. Skont din it-tezi, il-preskrizzjoni applikabbli tigi stabbilita abbazi ta' fatti u fil-kaz odjern, billi bieghet materjal bl-

ingrossa, japplika l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 u mhux dak sollevat mill-intimati.

Din it-tezi hija kontestata sew mill-intimati . **John Farrugia** xehed li l-kumpanija Zoqdi Hydro Rocks kienet inkarigat lill-kumpanija attrici biex taghmlilha xoghol ta' kostruzzjoni ta' toroq kif ukoll, f'xhieda precedenti ta' Carmelo Penza stess:

*"Ahna konna naghmlu xoghlijiet fuq zewg nahat"………… "Nghid li l-ahhar li hdimnilhom ahna kien it-toroq u l-ahhar li hadmulna huma kien fit-triq ta' Alla u Ommu li ilha zgur 7 snin."* (fol 186B).

Inoltre fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015 Carmelo Penza qal li "*Penza Tarmac timmanifattura l-asfalt u taghmel xoghol ta' toroq*" u li "*huma ghamlu xoghlijiet lil Zoqdi ...".*

Ikkonsidrat, li l-fatt li dak reklamat mis-socjeta` attrici jirraprezenta biss materjal fornit, mhux sostanzjat bi provi jew b'invoices da parti tas-socjeta` attrici. Anzi, referibbilment, ghad-dokument **Dok ST** a fol 152, li juri l-ammont pretiz, meta Carmelo Penza xehed dwaru specifikament li dan jirraprezenta xoghlijiet li saru lil Zoqdi.

Fil-fehma tal-Qorti dan jindika li r-relazzjoni giuridika bejn il-kontendenti hija wahda bejn zewg intraprizi u s-socjeta' attrici ma kienetx imqabda biss biex tissupplixxi l-materjal imma biex taghmel xoghol ta' toroq. Ix-xhud **Farrugia** ikompli jiddeskrivi f'xhiex kien jikkonsisti x-xoghol ta'

Penza, u cioe` li huma jibnu saff (layer) tat-triq, jissupplixxu t-tarmac u *cold asphalt*, iwasslu l-materjal fi triq partikolari, u wara li dan it-tarmac jew asfalt jigi imqieghed, Penza Tarmac tipprovdi wkoll ir-romblu u l-*paver* u l-haddiema biex dan jigi invellat.

Huwa car ghalhekk li s-socjeta' attrici kellha taghmel opra u tuza l-organizzazzjoni azjendali taghha ghat-tlestija tat-triq u mhux semplicement ghall-fornitura tal-materja.

Ghaldaqstant il-Qorti tqies li l-artikolu applikabbli huwa proprju dak sollevat mill-intimati u cioe` l-**artikolu 2149(a) tal-Kap 16** (preskrizzjoni ta' sentejn).

Il-principji li jirregolaw il-materja ta' preskrizzjoni huma assodati fil-gurisprudenza taghna. Il-prova li l-azzjoni hi preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-konvenuti, il-piz jaqa' principalment fuq min jinvoka l-eccezzjoni. Ghalhekk hu mehtieg li tali prova tibqa' tinkombi fuq minn jeccepixxi l-preskrizzjoni.[11] Ghaldaqstant, huma l-konvenuti, f'dan il-kaz li jridu jippruvaw li s-socjeta` attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza u dan minn zmien meta dik il-kawza setghet titressaq.[12]

[11] Ara Appell Kummercjali deciz fil-15 ta' Gunju 1965 fl-ismijiet **Calleja vs Vella** (Kollez. Vol.XLVIII.i.603)
[12] Ara App. Civili deciz fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Guido Vella vs Emanuel Cefai** (mhux pubblikata). U **L-Awtorita tal-Ippjanar vs Lay Lay Co. Ltd**. 64/10 P.A. deciza fil-15 ta' Mejju 2013.

Hekk gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Stencil Pave (Malta) Ltd. vs Dr. Maria Deguara noe"**, P.A. (JRM) deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 u cioe`:

"*Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm l-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq."*

L-**Artikolu 2137** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[13] (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)

---

[13] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003.

Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv *ai fini* tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jagixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri *"minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa"* jirreferu ghall-kawzi guridici li jistghu ikunu ta' xkiel ghall-azzjoni u mhux ghal kawzi purament fattwali, per ezempju, ghal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soggettiv diment li dawn ma jqeghduhx fl-impossibilita` li jagixxi.[14]

L-avukat difensur tal-konvenuti, in sostenn ghall-eccezzjoni taghhom, ghamlu referenza ghad-dati msemmija minn John Farrugia fl-affidavit tieghu ghar-rigward ta' meta saru x-xoghlijiet. Illi fl-imsemmi affidavit, Farrugia xehed li x-xoghol li qed jintalab ghalih il-hlas kien beda fl-2002, u sa April 2003, kien tlesta kull xoghol u provvista ta' materjal. Huwa sostna li ma sar l-ebda xoghol iehor wara dik id-data.

Illi fix-xhieda diga citata li ta' Carmelo Penza fl-4 ta' Novembru 2011 a fol 186 B qal li l-ahhar xoghol li hadmu lil xulxin kien xi seba' snin ilu, u ma setax jindika min kien lesta l-ewwel. Minn dan jista' jigi dedott li skont Carmelo Penza l-ahhar xoghlijiet li saru kienu fl-2004, u skont John Farrugia kienu tlestew sal-2003. Jigi kkonsidrat ukoll, li meta Carmelo Penza gie mistoqsi ripetutivament, in kontro-ezami, jekk damx mill-2003 sal-2007, jitlob il-pagament lis-

[14] Ara per ez. Codice Civile Annotato- Torrente Pescatore e Puperto, Giuffre Ed. 1973 kazistika dwar l-artikolu 2935 tal-Kodici Civili Taljan li hu analogu ghad-disposizzjoni tal-Ligi Maltija dwar il-punt ta' partenza tal-preskrizzjoni.

socjeta` intimata, hu kkonferma li f'dak il-perjodu taz-zmien kien jitlob il-pagament bit-telefon, u kien dejjem jitkellem ma' Joe Camilleri.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm ebda impediment li seta' jxekkel lis-socjeta` attrici milli tipprocedi b'azzjoni fil-konfront tal-intimati ghall-kreditu pretiz. Illi gie kkonfermat mix-xhud Carmelo Penza li matul dan il-perjodu ta' erba' snin kien hemm biss talba ghall-hlas permezz tat-telefon.

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax mill-atti li saret ebda interruzzjoni gudizzjarja ghajr permezz ta' din ic-citazzjoni. Din il-kawza giet intavolata fl-10 ta' Ottubru 2007. Bl-applikazzjoni **tal-artikolu 2149(a) tal-Kap 16** jirrizulta li f'dan il-kaz l-azzjoni giet intavolata *fuori termine*.

**Tpacija**

Madanakollu gie sottomess mis-socjeta` attrici, li **l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16** mhux applikabbli peress li John Farrugia fix-xhieda tieghu sostna li s-somma hi dovuta imma m'ghandhiex tithallas ghax kellha ssir tpacija ghax-xoghlijiet esegwiti lis-socjeta attrici.

It-tpacija hija regolata permezz tal-artikoli 1196 *et. seq.* tal-Kodici Civili.

**L-artikolu 1196** jiddisponi li : "(1) *Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*

(2) *It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs."*

**L-artikolu 1197** jghid hekk:- "(*1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*

*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità."*

Illi dwar din l-eccezzjoni, id-difensur tas-socjeta` attrici irribatta fin-nota ta' sottomissjonijiet li din l-eccezzjoni mhix kompatibbli mal-argument tal-konvenuti li s-somma mitluba fir-rikors promotur hi dovuta imma mghandhiex tithallas ghaliex kellha ssir tpacija. Dan minhabba l-fatt, li z-zewg kumpaniji kienu jaghmlu x-xoghlijiet ghal xulxin, u ghalhekk ipacu l-ammonti. Illi ghalkemm dan l-ahhar fatt mhux ikkontestat miz-zewg partijiet, izda, jigi kkonsidrat li t-tpacija ma gietx issollevata bhala difiza formali. Ma hemm l-ebda eccezzjoni espressa ta' tpacija u tali eccezzjoni ma tistax titqajjem mill-Qorti ex officio.[15] Jigi osservat li fl-assenza ta' talba rikonvenzjonali mill-konvenuti, it-tpacija gudizzjarja qed tigi wkoll eskluza.

Lanqas giet sollevata bhala eccezzjoni mill-intimati. Gie ribadit f'dan il-kuntest li t-tpacija tista' temani mill-

[15] Andrea Torrente "Manuale di Diritto Privato" (Giuffre. Ed. Para 246, pp414 et seq)

eccezzjonijiet tal-konvenut, basta li tkun espressa,[16] u tali eccezzjoni ma tistax titqajjem *motu proprju* mill-Qorti.[17] Effettivament it-tpacija teskludi l-preskrizzjoni billi hija ammissjoni li d-dejn huwa dovut u ixxejjen l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. (**Marianna Spiteri v Joseph Vella** - PA AJM- 3 ta' Mejju 1993). Ghalhekk l-intimati ma ssollevawx it-tpacija bhala eccezzjoni imma ghazlu t-triq ta' preskrizzjoni.

Izda bhala stat ta' fatt jemergi mix-xhieda ta' John Farrugia li l-intimata ma kellhiex thallas id-dejn tas-socjeta' rikorrenti billi wara li qablu l-kontijiet bejniethom irrizulta anzi li s-socjeta' rikorrenti kienet hi stess debitrici tal-intimati.

John Farrugia xehed li:

"Qal li ma jistax *jaqbel mas-somma mitluba mis-socjeta` attrici stante li da parti tas-socjeta` Zoqdi Hydro Rocks Ltd. kienu ghamlu xoghol lis-socjeta` attrici b'aktar minn dan l-ammont u baqghu ma thallsux tieghu.*"

*Qal li kien hemm il-kontijiet taghhom it-tnejn taz-zewg kumpanniji, izda da parti ta' Hydro Rocks Ltd. dejjem raw li kellhom jiehdu minghand Penza. Ghalhekk ma thallasx l-ammont li qed jintalab f'din il-kawza."*

[16]Ara "***Marianna Spuiteri et. v. Joseph Vella"***- P.A. dec. fit-3 ta' Mejju 1993 (Vol. 77.III.128)
[17]Ara "***Mekanika Limited v Masco Security Services Limited"***- App.Civ.(Sede Inf.)- Dec. fil-21 ta' Mejju 2007 (App.3477/1996/PS)

Ghaldaqstant issorgi il-mistoqsija jekk mill-provi jirrizultax li kien hemm ammissjoni tad-dejn da parti tas-socjeta' intimata jew rinunzja inekwivoka ghad-difiza ta' preskrizzjoni.

Mill-provi prodotti din il-Qorti tista' taccetta li kien hemm ammissjoni tacita da parti tal-istess socjeta' konvenuta bil-fatt stess tat-tpacija. Dan johrog car mix-xhieda ta' John Farrugia. Madanakollu billi ghaddew erba' snin sal-prezentata ta' din il-kawza minghajr ebda interuzzjoni tal-preskrizzjoni, l-ammissjoni maghmula fis-sena 2003 ma jsalvax l-azzjoni attrici fl-assenza ta' prova ta' rinunzja cara u inekwivoka da parti tad-debitur ghad-dekors tal-perjodu preskrittiv.

Illi hija l-fehma konsidrata ta' din il-Qorti li r-rikorrenti ma irnexxilhiex tipprova tali rinunzja.

Guridikament, il-Qrati taghna dejjem sostnew li r-rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tavvera ruhha fejn "*ikun car u konklussiv illi min qajjimha jkun b'att tieghu u xort'ohra mmanifesta l-intenzjoni tieghu li jabdika d-dritt tieghu*". (**Vol. XXVIII p. 11 p. 333**); "*Rinunzja espressa ghad-dritt hemm bzonn li tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci ……..*" **(Vol. XXXIV p. 11 p. 646**); "*Rinunzji tacita ta' drittijiet ma jistgthux jigu desunti hlief minn cirkostanzi tali li jippresupponu b'mod car u uniku l-abbandun tad-dritt*" – "**Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe",** App. Civ. 18 ta' Marzu 1977.

Ghall-kuntrarju, John Farrugia konsistentement irrifjuta t-tezi li kellhom ihallsu d-dejn pretiz mir-rikorrenti. Inoltre l-awditur taz-zewg kumpanniji kontendenti, li inzerta li huwa l-istess persuna ghat-tnejn xehed li la l-kumpanija intimatau lanqas l-intimati John Farrugia, u Joseph Camilleri ma rrizultaw li qeghdin fil-lista tad-debituri tas-socjeta' rikorrenti. Inoltre l-asserzjoni ta' Carmelo Penza li kien icempel lil Joseph Camilleri b'mod informali u dan, skont ix-xhud, iwiegeb iva meta kien jghidlu biex jaghmel pagament, minghajr l-ebda riferenza ghal xi data , jew korroborazzjoni xort'ohra, hija wisq vaga biex tikkonvinci lil din il-Qorti li kien hemm tali rinunzja. Anzi kif gja gie kostatat, l-istess awditur tal-kumpannija rikorrenti ikkonferma li s-socjeta' intimata u l-intimati l-ohra imharrkin f'din il-kawza ma kienux fil-lista tad-debituri tar-rikorrenti.

*In vista* tas-suespost u minn ezami tax-xhieda, dokumenti u l-atti tal-kaz, ix-xoghlijiet li saru mis-socjeta` attrici jirrizultaw preskritti peress li l-azzjoni giet intavolata fl-10 ta' Ottubru 2007, u ghalhekk hija *fuori termine*.

Fid-dawl tal-premess, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2149(a) qed tigi akkolta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata dwar l-insostenibbilita` tal-azzjoni odjerna**, tilqa'** l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-intimati u tas-socjeta` Zoqdi

Hydrorocks Construction Ltd. u tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta *ai termini* **tal-artikolu 2149(a) tal-Kap 16**. Ghaldaqstant tghaddi biex tichad it-talbiet attrici in kwantu preskritti.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**